



Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15875/23

LIMITE

FISC 268
ECOFIN 1264

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Spanjola - Approvazzjoni

1. F'konformità mal-mandat tiegħu, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG) jirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar il-progress tal-ħidma tiegħu. L-aħħar rapport ta' kull sitt xhur li sar mis-COCG lill-Kunsill jinsab fid-dokumenti 15757/23 + ADD 1-12.
2. Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub mis-COCG matul il-Presidenza Spanjola ġie eżaminat mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) fil-laqgħa tat-22 ta' Novembru 2023. Id-delegazzjonijiet kollha jappoġġaw it-test li jinsab fl-Anness.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill (Ecofin) japprova dawn il-konklużjonijiet bħala punt "A" fit-8 ta' Diċembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni
tal-Intrapriżi)
matul il-Presidenza Spanjola

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Spanjola, b'mod partikolari fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx f'Ottubru 2023; JAPPROVA r-rapport tal-Grupp kif jinsab fid-dokumenti 15757/23 + ADD 1-12; JAPPROVA l-pakkett ta' ħidma pluriennali l-ġdid li jinsab fid-dokument 13649/23.
2. JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-istatus quo li qabel dwarhom il-Grupp u JITLOB lill-Grupp ikompli bis-sorveljanza tal-istatus quo u bl-implimentazzjoni tal-iżmuntar; JILQA' d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-proċess ta' notifika; JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-effetti reali tal-miżuri individwali kif maqbula mill-Grupp u JITLOB lill-Grupp biex ikompli jissorvelja l-miżuri individwali;
3. JILQA' l-effett pożittiv tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-ħidma tal-Grupp dwar it-tnaqqis ta' prattiki tat-taxxa dannużi u t-tnaqqis ta' sistemi fiskali preferenzjali, kemm fl-UE kif ukoll globalment; JAPPELLA lill-Grupp biex ikompli d-djalogu effettiv mal-ġurisdizzjonijiet u s-sorveljanza, sabiex il-ġurisdizzjonijiet ikomplu jissodisfaw l-impenji rispettivi tagħhom u jikkonformaw mal-kriterji tal-elenkar tal-UE f'konformità mal-iskadenzi miftiehma;

4. JILQA' b'mod partikolari l-progress li sar mill-ġurisdizzjonijiet li lestew ir-riforma tas-sistemi tagħhom ta' eżenzjoni mill-introjt minn sors barrani (FSIE) sal-iskadenza ssuġġerita u d-djalogu li għaddej ma' xi ġurisdizzjonijiet oħra li jinsabu fil-proċess li jirrifirmaw is-sistema tal-FSIE tagħhom; JILQA' wkoll il-progress b'ġurisdizzjonijiet b'ebda taxxa jew taxxa nominali biss fil-kuntest tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' sustanza ekonomika skont il-kriterju 2.2 u b'ġurisdizzjonijiet rilevanti rigward l-implimentazzjoni tal-istandard minimu kontra l-BEPS (CbCR) ta' rapportar pajjiż b'pajjiż (kriterju 3.2) u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fuq talba (kriterju 1.2);
5. JILQA' l-progress fir-rigward tal-kriterju 1.4 futur dwar l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja; JAPPELLA lill-Grupp ikompli l-ħidma biex jinkorpora s-sjieda benefiċjarja bħala r-raba' kriterju dwar it-trasparenza fiskali;
6. JAPPELLA lill-Grupp ikompli l-ħidma tiegħu fuq l-evalwazzjoni ta' miżuri difensivi fil-qasam tat-taxxa għal ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, f'konformità mal-Gwida maqbula, u jirrapporta lill-Kunsill dwar aktar progress f'dawn il-kwistjonijiet;
7. JAPPROVA l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-eżerċizzju ta' eżami u elenkar tal-UE mill-2024 'il quddiem, li l-Grupp laħaq qbil dwarha;
8. JISTIEDEN lill-Grupp jinvolti ruħu ma' ġurisdizzjonijiet rilevanti li għadhom ma ġewx ivvalutati għall-istandard ta' rapportar minimu għal kull pajjiż kontra l-BEPS (CbCR) (kriterju 3.2);
9. JISTIEDEN lill-Grupp jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Belġjana.